



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Dikjarazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*

Ipproċessar ta' *data* personali tal-viżitaturi fil-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Din id-dikjarazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* tikkonċerna l-ipproċessar ta' *data* personali tal-viżitaturi fil-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA).

Il-mod ta' kif il-QEA tipproċessa u tipproteġi d-*data* personali tiegħek huwa deskritt hawn taħt.

L-ospitant tiegħek jipprovdi d-*data* personali tiegħek billi juża formola speċifika fuq is-sistema interna ta' reġistrazzjoni tal-QEA biex jitlob awtorizzazzjoni ħalli jkollok aċċess għall-bini tal-QEA.

Meta tasal, jeħtieġlek tippreżenta dokument tal-identità validu (karta tal-identità, passport, karta ta' residenza) biex b'hekk il-QEA tkun tista' tiċċekkja l-identità tiegħek u tħallik tidħol għewwa l-bini.

Jaf jitwettqu verifiki fuq il-post biex ikun hemm konformità mar-regoli interni dwar is-sikurezza.

Min huwa responsabbli għat-trattament tad-*data* tiegħek?

L-operazzjonijiet ta' pproċessar tad-*data* jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tas-Servizz tas-Sigurtà u s-Sikurezza (SSS) tal-QEA.

Għalfejn niġbru d-*data* tiegħek?

Is-SSS se jipproċessa d-*data* personali tiegħek biex jippjana l-wasla tiegħek, jiffaċilita l-proċedura ta' aċċess (pereżempju, iwettaq verifiki tal-identità u verifiki tas-sigurtà), jimmonitorja u jżomm kont tal-viżitaturi f'kull ħin.

Is-SSS jaf ukoll jikkuntattjak, jew jipproduċi dikjarazzjonijiet u rapporti li jinkludu *d-data* personali tiegħek f'każ ta' inċident. Eżempji ta' inċident jinkludu mġiba suspettuża, oġġetti mitlufa u dawk misjuba, serq, inċidenti bil-badge, aċċidenti, u ħsara lill-proprjetà jew lill-persuni.

X'regoli jirregolaw l-użu tad-data personali tiegħek?

Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (l-"EUDPR") huwa l-qafas legali għall-ipproċessar tad-*data* personali fi ħdan il-QEA.

Il-bażi legali għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek hija:

- L-Artikolu 5.1(a) tal-EUDPR: l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twertiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċitar ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-QEA, jiġifieri l-maniġment tas-sigurtà interna tal-QEA; u
- L-Artikolu 5.1(b) tal-EUDPR: l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-konformità ma' obbligu legali stabbilit fl-Artikolu 1(e)(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Avviż għall-Persunal Nru 02/2007 (K1) — Control of aċċess to building K1, u l-Avviż għall-Persunal Nru 036/2007 — Control of aċċess to building K1 lifts and staircases.
- L-Artikolu 5.1(d) tal-EUDPR: is-suġġett tad-*data* jkun ta l-kunsens għall-ipproċessar ta' *data* personali tiegħu għal fini speċifiku wieħed jew aktar. Inti tipprovdi l-kunsens tiegħek jew meta l-ospitant tal-QEA tiegħek jimla formola għall-viżitaturi f'ismek, jew meta timla l-formola (jew tipprovdi *d-data* tiegħek lill-gwardja tas-sigurtà) fid-daħla tal-QEA.

X'data personali nipproċessaw?

Nipproċessaw il-kategoriji ta' *data* personali li ġejjin:

- *data* dwar l-identità tiegħek (l-isem, in-nazzjonalità, l-indirizz, id-data tat-twelid, in-numru tal-identità, u *d-data* ta' skadenza tad-dokument tal-identità tiegħek);
- indirizz tal-email;
- numru ta' identifikazzjoni tal-badge tal-viżitatur;

- informazzjoni dwar l-aċċess għall-bini tal-QEA (data u ħinijiet tad-dħul u tal-ħruġ, żjara privata jew professjonali, talbiet għall-parkeġġ, talbiet ta' diżabilità jew ta' aċċess, eċċ.);
- isem l-ospitant tal-QEA tiegħek;
- kwalunkwe ħtieġa partikolari (pereżempju: assistenza għal diżabilità, parkeġġ, aċċess għal kmamar jew żoni speċifiċi);
- filmat ta' sorveljanza bil-vidjo li jaf tinzerta fih (jekk jogħġbok irreferi għall-[politika ta' sorveljanza bil-vidjo](#) tagħna);
- f'każ ta' inċident, dikjarazzjonijiet u rapporti bil-miktub li jaf jinkludu d-*data* personali tiegħek;
- informazzjoni dwar il-vettura (jekk nallokawlek spazju għall-parkeġġ), li tinkludi: il-marka, il-mudell, il-kulur u l-pjanċa tal-karozza; u
- għal gruppi ta' viżitaturi, isem l-organizzazzjoni tiegħek (pereżempju, il-kumpanija jew il-fornitur ta' servizzi).

Għal kemm żmien inżommu d-*data* tiegħek?

Id-*data* personali tiegħek tinżamm fir-reġistru tal-viżitaturi għal 13-il xahar.

Il-formoli għall-viżitaturi li jimtlew mill-ospitant tiegħek fil-QEA u jiġu ttrasferiti għal ġewwa l-kalendarju tas-SSS jinżammu għal 13-il xahar ukoll.

Min ikollu aċċess għad-*data* tiegħek u lil min se tiġi kkomunikata?

Id-*data* personali tiegħek tiġi pproċessata mis-SSS fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif.

Għal żjara uffiċjali jew fi grupp jew avveniment, is-Servizz Avvenimenti, Żjarat u Protokoll (EVP) jaf jipproċessa wkoll id-*data* personali tiegħek biex jorganizza l-avvenimenti li jimmaniġġja b'mod effettiv. Nitolbuk tirreferi għad-dikjarazzjoni ta' privatezza speċifika tat-tim EVP, li tapplika flimkien ma' din id-dikjarazzjoni ta' privatezza.

SOCOM (il-mantenitur estern u l-fornitur ta' servizzi li huwa responsabbli mill-appoġġ tekniku, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistema) għandha aċċess tekniku għas-sistema ta' badges tal-QEA. SOCOM għandha aċċess biss għall-bażi ta' *data* biex twettaq manutenzjoni tas-sistema, u kwalunkwe aċċess huwa strettament b'konformità

mal-miżuri ta' sigurtà standard (pereżempju: aċċess fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif, rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u salvagwardji oħra).

Is-sistema ta' reġistrazzjoni tal-QEA hija mibnija fuq il-pjattaforma ServiceNow. L-amministraturi interni fid-Direttorat għall-Infommazzjoni, l-Ambjent tax-Xogħol u l-Innovazzjoni (DIWI) għandhom aċċess limitat għall-pjattaforma għal skopijiet tekniċi, ta' manutenzjoni u ta' żvilupp biss. Filwaqt li dan jaf iħallihom jaraw ir-reġistrazzjonijiet u l-kontenut tagħhom, ma jaċċessawx jew ma jipproċessawx id-*data* personali fir-reġistrazzjonijiet dment li dan ma jkunx strettament meħtieġ biex is-sistema tiffunzjona kif suppost.

Jekk l-attività tal-ipproċessar tiġi awditjata mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-QEA fi stadju aktar tard, inti mitlub tinnotta li d-*data* personali tiegħek tingasam biss mal-IAS jekk dan ikun meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-IAS u dan b'konformità sħiħa mal-prinċipju tan-neċessità u l-proporzjonalità.

Jekk inti tressaq ilment, id-*data* personali tiegħek tista' tiġi ttrasferita lill-Ombudsman Ewropew u/jew lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u/jew lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* (DPO) tal-QEA.

Il-pulizija lokali jaf tingħata aċċess għad-*data* tiegħek jekk hija tkun teħtieġ tinvestiga jew tressaq għall-prosekuzzjoni reati kriminali. F'ċirkustanzi ta' eċċezzjoni, jaf jingħata wkoll aċċess lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) fil-qafas ta' investigazzjoni mwettqa mill-OLAF, jew lill-investigaturi li jkunu qed iwettqu investigazzjoni interna formali jew proċedura dixxiplinari fi ħdan il-QEA, dment li jista' jkun raġonevolment mistenni li tali trasferimenti ta' *data* jaf jgħinu fl-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reat dixxiplinari jew reat kriminali serju biżżejjed. Ma jintlaqgħux talbiet għal estrazzjoni ta' *data*.

Kif nissalvagwardjaw id-*data* tiegħek kontra l-possibbiltà ta' użu ħażin jew kontra l-aċċess mhux awtorizzat?

Is-settijiet tad-*data* jinżammu b'mod sikur fiċ-ċentru tad-*data* tal-QEA fil-Lussemburgu, u b'hekk huma koperti mill-għadd kbir ta' miżuri meħuda biex jiġu protetti d-disponibbiltà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tar-riżorsi elettroniki tagħna.

Nużaw ServiceNow Inc. biex nipproċessaw u nimmaniġġjaw il-formola ta' talba ta' aċċess għall-viżitaturi u biex inħallu l-viżitaturi jidħlu għewwa l-bini tal-QEA. Jeżistu termini xierqa għall-ipproċessar ta' *data* bejn il-QEA, bħala kontrollur tad-*data*, u l-proċessur tad-*data*. Dawn jiggarrantixxu l-protezzjoni adegwata tad-*data* personali li tiġi pproċessata. ServiceNow hija ċċertifikata taħt ISO27001.

L-aċċess għad-*data* personali huwa limitat għal grupp speċifiku ta' utenti. Id-drittijiet ta' aċċess jingħataw fuq bażi ta' hteġa ta' tagħrif, filwaqt li jittieħed kont tar-rwol, il-kariga u r-responsabbiltajiet tal-persuna kkonċernata. Dawn id-drittijiet jiġu aġġornati kontinwament hekk kif l-inkarigi tal-persunal jinbidlu.

Is-Segretarju Ġenerali tal-QEA għandu responsabbiltà kumplessiva mill-implimentazzjoni tar-regoli dwar id-drittijiet ta' aċċess u mill-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, iżda huwa ddelega r-responsabbiltà f'dawn l-oqsma lil entitajiet interni differenti.

Il-QEA għandha politika dwar is-sigurtà tal-informazzjoni u Uffiċjal tas-Sigurtà tal-Informazzjoni (USI) li jara li żgur il-politika tiġi implimentata b'mod korrett u li kwalunkwe verifika relatata tiġi ttestjata għall-effiċjenza.

X'inhuma d-drittijiet tiegħek?

Id-drittijiet tiegħek rigward id-*data* personali tiegħek huma stabbiliti fl-Artikoli 17 sa 24 tar-Regolament (UE) 2018/1725. Aktar dettalji dwar id-drittijiet tiegħek huma inklużi f'dan id-[dokument](#).

- Inti għandek id-dritt li jkollok aċċess għad-*data* personali tiegħek u li din tiġi rrettifikata mingħajr dewmien żejjed jekk ma tkunx preċiża jew kompleta.
- Għandek id-dritt li titlobna nħassru d-*data* personali tiegħek jew li nillimitaw l-użu tagħha taħt ċerti kundizzjonijiet. Meta jkun applikabbli, inti għandek id-dritt li, fi kwalunkwe ħin, toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, għal raġunijiet relatati maċ-ċirkustanzi partikolari tiegħek, u d-dritt għall-portabbiltà tad-*data*.
- Meta l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek ikun ibbażat fuq il-kunsens tiegħek, inti tista' tirtira dak il-kunsens fi kwalunkwe ħin, u b'hekk id-*data* personali tiegħek titħassar b'mod irrevokabbli mir-rekords tagħna mingħajr dewmien mhux dovut u inti tiġi infurmat b'dan, sakemm it-tħassir ma jkunx jista' jsir minħabba obbligu legali jew kuntrattwali.
- Meta żżur il-QEA, ma tkun suġġett għall-ebda deċiżjoni bbażata unikament fuq ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili.

Inti tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek billi tikkuntattja lill-kontrollur tad-*data* permezz tal-informazzjoni ta' kuntatt hawn taħt.

Aħna nqisu t-talba tiegħek, nieħdu deċiżjoni, u ninnotifikawk b'din id-deċiżjoni mingħajr dewmien żejjed, mhux aktar tard minn xahar wara li nkunu rċevejna t-talba tiegħek. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra, jekk ikun meħtieġ.

Lil min għandek tikkuntattja f'każ ta' mistoqsija jew ilment?

L-ewwel punt ta' kuntatt tiegħek huwa l-kontrollur tad-*data*: ECA-security@eca.europa.eu.

F'każ ta' tħassib jew ilmenti dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, tista' tikkuntattja, fi kwalunkwe ħin, lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-QEA (ECA-Data-Protection@eca.europa.eu).

Data Protection Officer
European Court of Auditors
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Inti għandek id-dritt li, fi kwalunkwe ħin, tippreżenta lment dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (edps@edps.europa.eu).